Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1754

24.6.2024

RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2024 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR IL-KOORDINAZZJONI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI STABBILIT MILL-ARTIKOLU 8(1)(P) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,

tal-5 ta' Ġunju 2024

fir-rigward tal-gwida ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (il-"Protokoll") rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu SSC.11 tal-Protokoll dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema sekondati u għall-persuni li jaħdmu għal rashom li jaħdmu temporanjament barra mill-Istat kompetenti [2024/1754]

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR IL-KOORDINAZZJONI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu SSCI.74 tal-Anness SSC-7 tal-Protokoll,

Wara li kkunsidra l-Artikolu SSC.11 tal-Protokoll,

Wara li kkunsidra l-Artikolu SSC.14 tal-Protokoll u l-Artikoli SSCI.5, SSCI.6 u SSCI.13 sa SSCI.18 tal-Anness SSC-7 tal-Protokoll,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8(4)(c) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali (il-"Kumitat Speċjalizzat") għandu s-setgħa li jadotta r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha fejn dak il-ftehim jipprevedi dan, filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu SSCI.74 tal-Anness SSC-7 tal-Protokoll, il-Kumitat Speċjalizzat jista' jadotta gwida ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll u tal-Anness SSC-7 tiegħu.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu SSC.11(1) tal-Protokoll, li jipprevedu eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu SSC.10(3)(a) tal-Protokoll, għandhom l-għan b'mod partikolari li jevitaw, għall-ħaddiema, għall-impjegaturi u għall-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-kumplikazzjonijiet amministrattivi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu SSC.10(3)(a) tal-Protokoll meta l-perjodu ta' impjieg ikun ta' durata qasira fi Stat ieħor għajr l-Istat li fih l-impriża li tibgħat il-ħaddiem ikollha l-uffiċċju reġistrat tagħha jew il-post tan-negozju jew l-Istat li fih il-persuna li taħdem għal rasha normalment twettaq l-attività tagħha.

(4) Għal dan il-għan, l-ewwel kundizzjoni deċiżiva għall-applikazzjoni tal-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll hija l-eżistenza ta' relazzjoni diretta bejn l-impjegatur u l-ħaddiem li jimpjega.

(5) Il-protezzjoni tal-ħaddiem u s-sigurtà legali li għalihom hu u l-istituzzjoni li magħha huwa assigurat huma intitolati jeħtieġu garanziji sħaħ li r-relazzjoni diretta tinżamm matul il-perjodu ta' attività ta' xogħol temporanju fl-Istat l-ieħor (perjodu tal-istazzjonament).

(6) It-tieni kundizzjoni deċiżiva għall-applikazzjoni tal-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll hija l-eżistenza ta' rabtiet bejn l-impjegatur u l-Istat fejn huwa stabbilit. Il-possibbiltà ta' perjodu tal-istazzjonament għandha għalhekk tiġi ristretta biss għall-impriżi li normalment iwettqu l-attivitajiet tan-negozju tagħhom fit-territorju tal-Istat li l-leġiżlazzjoni tiegħu tibqa' applikabbli għall-ħaddiem stazzjonat; billi wieħed jassumi għalhekk li d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq japplikaw biss għall-impriżi li normalment iwettqu attivitajiet sostanzjali fit-territorju tal-Istat fejn ikunu stabbiliti.

[1] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

(7) Għandhom jiġu speċifikati l-perjodi indikattivi għall-persuni impjegati u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr preġudizzju għal evalwazzjoni każ b'każ.

(8) Ma jista' jkun hemm l-ebda garanzija li tinżamm ir-relazzjoni diretta jekk il-ħaddiem stazzjonat isir disponibbli għal impriża terza.

(9) Huwa meħtieġ li, matul il-perjodu tal-istazzjonament, wieħed ikun jista' jwettaq il-verifiki kollha b'mod partikolari fir-rigward tal-pagament tal-kontribuzzjonijiet u taż-żamma tar-relazzjoni diretta, meħtieġa biex jiġi evitat l-użu ħażin tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u biex jiġi żgurat li l-entitajiet amministrattivi, l-impjegati u l-ħaddiema jiġu infurmati b'mod xieraq.

(10) Il-ħaddiem u l-impjegatur għandhom jiġu infurmati b'mod xieraq bil-kundizzjonijiet li bihom il-ħaddiem stazzjonat jitħalla jibqa' soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż minn fejn ikun ġie stazzjonat.

(11) Id-dmir tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni reċiproki stabbilit fl-Artikolu SSC.59(5) tal-Protokoll, iqiegħed għadd ta' obbligi fuq l-istituzzjonijiet kompetenti għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu SSC.11(1) tal-Protokoll,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll għandhom japplikaw għal ħaddiem suġġett għal-leġiżlazzjoni ta' Stat (l-Istat li jibgħat) permezz tat-twettiq ta' attività fl-impieg ta' impjegatur u li jintbagħat mill-impjegatur lejn Stat ieħor (Stat tal-impieg) sabiex iwettaq xogħol hemmhekk għal dak l-impjegatur.

Ix-xogħol għandu jitqies li qed jitwettaq għall-impjegatur fl-Istat li qed jibgħat jekk ġie stabbilit li dan ix-xogħol qed jitwettaq għal dak l-impjegatur u li qed tkompli teżisti relazzjoni diretta bejn il-ħaddiem u l-impjegatur li bagħtu.

Sabiex jiġi stabbilit jekk relazzjoni diretta bħal din għadhiex teżisti, filwaqt li wieħed jassumi għalhekk li l-ħaddiem għadu taħt l-awtorità tal-impjegatur li nkarigah, iridu jitqiesu għadd ta' elementi, inkluż ir-responsabbiltà għar-reklutaġġ, il-kuntratt tal-impjieg, ir-remunerazzjoni (mingħajr preġudizzju għall-ftehim possibbli bejn l-impjegatur fl-Istat li jibgħat u l-impriża fl-Istat tal-istazzjonament dwar il-pagament lill-ħaddiema) it-tkeċċija, u l-awtorità li tiddetermina n-natura tax-xogħol.

Għall-applikazzjoni tal-Artikolu SSCI.13(1) tal-Anness SSC-7 tal-Protokoll, bħala indikazzjoni, ir-rekwiżit imfassal bil-kliem "minnufih qabel il-bidu tal-impjieg ta' dik il-persuna" jista' jitqies li jiġi ssodisfat jekk il-persuna kkonċernata tkun suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat fejn ikun stabbilit l-impjegatur għal mill-inqas xahar. Perjodi iqsar ikunu jeħtieġu evalwazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ li tqis il-fatturi kollha involuti.

Sabiex, meta jkun meħtieġ u f'każijiet ta' dubju, jiġi ddeterminat jekk l-impjegatur normalment iwettaqx attivitajiet sostanzjali fit-territorju tal-Istat fejn dak l-impjegatur ikun stabbilit, l-istituzzjoni kompetenti f'dan tal-aħħar hija meħtieġa teżamina l-kriterji kollha li jikkaratterizzaw l-attivitajiet imwettqa minn dak l-impjegatur, inkluż il-post fejn l-impriża għandha l-uffiċċju rreġistrat u l-amministrazzjoni tagħha, l-għadd tal-persunal amministrattiv li qed jaħdem fl-Istat fejn huwa stabbilit u fl-Istat l-ieħor, il-post fejn il-ħaddiema stazzjonati jiġu reklutati u l-post fejn il-maġġoranza tal-kuntratti mal-klijenti jiġu konklużi, il-liġi applikabbli għall-kuntratti konklużi mill-impriża mal-ħaddiema tagħha min-naħa, u mal-klijenti tagħha min-naħa l-oħra, id-dħul mill-bejgħ waqt perjodu tipiku xieraq f'kull Stat kkonċernat u l-għadd tal-kuntratti mwettqa fl-Istat li jibgħat. Din mhijiex lista eżawrjenti, minħabba li l-kriterji għandhom jiġu adattati għal kull każ speċifiku u jqisu n-natura tal-attivitajiet mwettqa mill-impriża fl-Istat fejn hija stabbilita.

(2) (a) "Telexogħol transfruntier" hija attività li tista' tiġi segwita minn kwalunkwe post u li tista' titwettaq fil-bini jew fil-post tan-negozju tal-impjegatur u

— titwettaq fi Stat jew fi Stati oħra għajr dak li fih jinsab il-bini jew il-post tan-negozju tal-impjegatur; u

— tkun ibbażata fuq teknoloġija tal-informazzjoni biex wieħed jibqa' konness mal-ambjent tax-xogħol tal-impjegatur jew tan-negozju kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati/klijenti sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu assenjati mill-impjegatur jew mill-klijenti, fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

(b) It-terminu "mibgħut minn dak l-impjegatur" fl-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll għandu japplika wkoll għal dawk l-impjegati, li għandhom il-ftehim tal-impjegatur tagħhom, formalment jew informalment, biex iwettqu telexogħol transfruntier f'isem l-impjegatur tagħhom għal 100 fil-mija tal-ħin tax-xogħol tagħhom għal perjodu temporanju, li jseħħ fuq bażi aleatorja u li mhuwiex parti mill-mudell tax-xogħol abitwali. Il-kundizzjonijiet l-oħra għal perjodu tal-istazzjonament stabbiliti fl-Artikolu SSC.11 tal-Protokoll u fl-Artikolu SSCI.13 tal-Anness SSC-7 tal-Protokoll ikunu jeħtieġu li jiġu ssodisfati f'dawn is-sitwazzjonijiet.

(3) Għall-applikazzjoni tal-Artikolu SSCI.13(3) tal-Anness SSC-7 tal-Protokoll, ir-rekwiżiti fl-Istat fejn tkun stabbilita l-persuna huma evalwati bħala sodisfatti abbażi ta' kriterji bħal li l-persuna kkonċernata jkollha l-possibbiltà ta' użu ta' uffiċċju, li tħallas it-taxxi, li jkollha kard professjonali u numru tal-VAT jew li tkun reġistrata mal-kmamar tal-kummerċ jew ma' entitajiet professjonali. Bħala indikazzjoni, li persuna twettaq l-attivitajiet tagħha għal mill-inqas xahrejn jista' jitqies bħala li tissodisfa r-rekwiżit imfassal bil-kliem "għal xi żmien qabel id-data meta tkun tixtieq tieħu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu". Perjodi iqsar ikunu jeħtieġu evalwazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ li tqis il-fatturi kollha involuti.

(4) (a) Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll għandu jkompli japplika għall-ħaddiem stazzjonat jekk il-ħaddiem stazzjonat, mibgħut minn impriża fl-Istat li jibgħat f'impriża fl-Istat tal-impjieg, jintbagħat ukoll f'impriża waħda jew iktar fl-istess Stat ta' impjieg, sakemm il-ħaddiem ikompli jwettaq xogħlu għall-impriża li tkun bagħtet lil dak il-ħaddiem. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, jekk l-impriża bagħtet il-ħaddiem fi Stat sabiex ikun jista' jwettaq xogħlijiet suċċessivi jew xogħlijiet f'daqqa f'żewġ impriżi jew iktar li jinsabu fl-istess Stat. L-element essenzjali u deċiżiv huwa li x-xogħol ikompli jitwettaq f'isem l-impriża li tibgħat.

Il-perjodi tal-istazzjonament lejn Stati differenti li jsegwu lil xulxin immedjatament għandhom f'kull każ iwasslu għal perjodu ġdid ta' stazzjonament skont it-tifsira tal-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll.

(b) Waqfa qasira tal-attivitajiet tal-ħaddiem stazzjonat mal-impriża fl-Istat tal-impjieg, hi x'inhi r-raġuni (vaganzi, mard, taħriġ fl-impriża li tibgħat), m'għandhiex tikkostitwixxi waqfien fil-perjodu tal-istazzjonament skont it-tifsira tal-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll.

(c) Minn meta ħaddiem ikun temm perjodu tal-istazzjonament, ma jista' jiġi awtorizzat l-ebda perjodu ġdid tal-istazzjonament għall-istess ħaddiem, l-istess impriżi u l-istess Stat sa ma jgħaddu mill-inqas xahrejn mid-data ta' skadenza tal-perjodu tal-istazzjonament ta' qabel. Deroga minn dan il-prinċipju hija, madankollu, awtorizzata f'ċirkostanzi speċifiċi.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll m'għandhomx japplikaw jew jieqfu japplikaw b'mod partikolari:

(a) jekk l-impriża fejn ikun intbagħat il-ħaddiem tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' impriża oħra fl-Istat fejn tkun tinsab;

(b) jekk il-ħaddiem mibgħut fi Stat jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża li tinsab fi Stat ieħor;

(c) jekk il-ħaddiem jiġi reklutat fi Stat sabiex jintbagħat minn impriża li tkun qiegħda fit-tieni Stat għal impriża fit-tielet Stat.

(6) (a) L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat li l-persuna kkonċernata tibqa' suġġetta għal-leġiżlazzjoni tiegħu skont l-Artikolu SSC.11(1)(a) tal-Protokoll, fil-każijiet previsti minn din ir-Rakkomandazzjoni, għandha tgħarraf kif jixraq lill-impjegatur u lill-ħaddiem ikkonċernat bil-kundizzjonijiet li bihom il-ħaddiem stazzjonat jista' jkompli jkun suġġett għal-leġiżlazzjoni tiegħu. L-impjegatur għandu għalhekk jiġi infurmat bil-possibbiltà ta' verifiki matul il-perjodu tal-istazzjonament sabiex jiġi żgurat li dan il-perjodu ma jkunx intemm. Dawn il-verifiki jistgħu jkollhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, mal-pagament tal-kontribuzzjonijiet u maż-żamma tar-relazzjoni diretta.

L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat fejn il-persuna kkonċernata tkun stabbilita u li tibqa' suġġetta għal-leġiżlazzjoni tiegħu skont l-Artikolu SSC.11(1)(b) tal-Protokoll għandha tgħarraf kif jixraq lill-persuna li taħdem għal rasha bil-kundizzjonijiet li bihom il-ħaddiem jista' jkompli jkun suġġett għal-leġiżlazzjoni tiegħu. Il-persuna kkonċernata għandha tiġi infurmata dwar il-possibbiltà tal-verifiki matul il-perjodu li fih hija twettaq attività temporanja fl-Istat fejn hija attiva, sabiex tiżgura li l-kundizzjonijiet li japplikaw għal dik l-attività ma nbiddlux. Dawn il-verifiki jistgħu jkollhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, għall-pagament tal-kontribuzzjonijiet u maż-żamma tal-infrastruttura meħtieġa biex tkompli l-attività tagħha fl-Istat fejn hija stabbilita.

(b) Barra minn hekk, il-ħaddiem stazzjonat u l-impjegatur tiegħu għandhom jgħarraf lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat li jibgħat b'kull bidla li tkun saret waqt il-perjodu tal-istazzjonament, b'mod partikolari:

— jekk il-perjodu tal-istazzjonament li tkun saret l-applikazzjoni għalih fl-aħħar mill-aħħar ma jkunx seħħ,

— jekk l-attività tkun twaqqfet b'mod ieħor għajr dak pprovdut fil-punt (4)(b) ta' din ir-Rakkomandazzjoni,

— jekk il-ħaddiem stazzjonat ikun ġie assenjat mill-impjegatur tiegħu għal impriża oħra fl-Istat li jibgħat, b'mod partikolari fil-każ ta' fużjoni jew ta' trasferiment ta' impriża.

(c) L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat li jibgħat għandha, fejn jixraq u fuq talba, tipprovdi lill-istituzzjoni tal-Istat tal-impieg bl-informazzjoni msemmija fil-punt (6)(b) ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(d) L-istituzzjonijiet kompetenti tal-Istat li jibgħat u tal-Istat tal-impieg għandhom jikkooperaw fit-twettiq tal-verifiki msemmija hawn fuq u fejn hemm dubju dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu SSC.11(1) tal-Protokoll.

(7) L-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw is-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu SSC.11 (1) tal-Protokoll. B'mod partikolari, il-kriterji użati għall-evalwazzjoni dwar jekk l-impjegatur normalment iwettaqx l-attivitajiet tiegħu fit-territorju ta' Stat, jekk teżistix relazzjoni diretta bejn l-impriża u l-ħaddiem, jew jekk il-ħaddiem li jaħdem għal rasu jżommx l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq l-attività tiegħu fi Stat, għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti u b'mod ekwu fl-istess sitwazzjonijiet jew f'sitwazzjonijiet simili.

(8) Il-Kummissjoni Speċjalizzata għandha tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijet kompetenti fl-Istati għall-għan tal-implimentazzjoni tal-Artikolu SSC.11(1) tal-Protokoll kif ukoll tal-iskambju ta' informazzjoni, l-esperjenza u l-prattika tajba meta jsir l-iffissar u l-gradazzjoni tal-kriterji għall-evalwazzjoni tal-qagħdiet tal-impriżi u l-ħaddiema, u f'konnessjoni mal-miżuri ta' kontroll fis-seħħ. Għal dan il-għan, tista' tfassal fi stadji gwida ulterjuri, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet amministrattivi, tal-impriżi u tal-ħaddiema, li tikkonċerna il-ħaddiema stazzjonati u t-twettiq ta' attività sekondarja minn ħaddiema li jaħdmu għal rashom barra mill-Istat fejn huma stabbiliti.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali

Il-Kopresidenti

Jordi CURELL GOTOR

Ronan O'CONNOR